

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2009 — Protege International vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-119/09)

(2009/C 113/86)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Protege International Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: D. Shefet, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni fit-23 ta' Jannar 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu 82 tat-Trattat KE (Każ COMP/39414 — Protégé International vs Pernod Ricard)

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Jannar 2009, li biha l-Kummissjoni ħadhet, wara li waslet għall-konklużjoni li ma kienx hemm biżżejjed interess Komunitarju sabiex l-investigazzjoni titkompla, l-ilment imressaq mir-rikorrenti kontra Pernod Ricard dwar l-allegat abbuż minn pożizzjoni dominanti pprattikat minn din tal-aħħar fis-suq tal-wiski Irlandiż li jikkonsisti, min-naħa, fi proċedimenti legali mibdija minn Pernod Richard kontra r-rikorrenti għar-reġistrazzjoni mir-rikorrenti tat-trade marks "WILD GEESE", "WILD GEESE RARE IRISH WHISKEY" u "WILD GEESE IRISH SOLDIERS AND HEROES", u, min-naħa l-oħra, frifjut ta' provvista.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni li:

— il-proċedimenti legali mibdija minn Pernod Richard ma għandhomx bħala għan il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali ta' dan tal-aħħar għat-trade mark tiegħu "WILD TURKEY", inkwantu ma teżistix il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks inkwistjoni, imma li telimina lir-rikorrenti, li hija kompetitriċi ta' Pernod Richard, mis-suq tal-wiski Irlandiż;

— abbuż minn pożizzjoni dominanti għaliex Pernod Richard irrifjuta li jipprovi wiski Irlandiż lir-rikorrenti minħabba li din tal-aħħar irrifjutat li taċċetta l-kundizzjonijiet ta' restrizzjoni fuq il-bejgħ fis-swieq approvati minn Pernod Richard;

— jeżisti interess Komunitarju, sa fejn l-allegat abbuż jikkonċerna Stati Membri differenti u t-territorju Komunitarju kollu kemm hu.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2009 — Al Shanfari vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**

(Kawża T-121/09)

(2009/C 113/87)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Thamer Al Shanfari (rappreżentanti: P. Saini, QC, T. Nesbitt u B. Kennelly, Barristers, A. Patel, N. Sheikh, u K. Mehta, Solicitors)

Konvenuti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u Il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 77/2009, sa fejn huwa jikkonċerna r-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-kawża

**Motivi u argumenti prinċipali**

Bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 <sup>(1)</sup> kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 77/2009 <sup>(2)</sup>, (ir-"regolament ikkontestat"), il-fondi kollha tar-rikorrent li jinsabu fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ġew iffriżati bil-konsegwenza li waqqfuh milli jinnegozja fl-UE, kif ukoll li xlewh li għandu rabtiet mar-reġim repressiv taż-Zimbabwe u li huwa implikat f'attivitajiet li jipperikolaw b'mod serju d-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Barra minn hekk, ir-rikorrent huwa suġġett għal projbizzjoni ta' vvjaġġar skont l-Artikolu 4 tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/161/PESK <sup>(3)</sup>.

Ir-rikorrenti jqis li r-regolament ikkontestat għandu jiġi annullat abbażi tar-raġunijiet li ġejjin, li huma kollha indikati hawn isfel:

L-ewwel nett, ir-rikorrent isostni li r-regolament ikkontestat ma għandu l-ebda bażi legali xierqa għaliex la l-Artikolu 60 KE u lanqas l-Artikolu 310 KE ma jagħtu s-setgħa lill-Kunsill jiffirza l-fondi kollha ta' persuna li ma jkollhiex rabta mal-Gvern taż-Zimbabwe.

It-tieni nett, skont dak li jsostni r-rikorrent, ir-regolament ikkontestat jikser l-obbligu tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li, skont l-Artikolu 253 KE, jindikaw ir-raġunijiet li jkunu bbażati fuqhom, għaliex l-espożizzjoni qasira fl-Anness III fir-rigward tar-rikorrent hija manifestament insuffiċjenti u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill, li tissuġġetta lir-rikorrenti għal projbizzjoni ta' vvjaġġar, ma tippovdix iktar informazzjoni.

It-tielet nett, ir-rikorrent isostni li r-regolament ikkontestat jippreġudika d-drittijiet fundamentali tiegħu, għaliex jheddidlu d-drittijiet għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u d-dritt ta' smigħ; kif ukoll għaliex jheddidlu b'mod sporozjonat id-drittijiet tat-tgawdija paċifika tal-proprietà tiegħu.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU 2004 L 55, p.1)

(<sup>2</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 77/2009 tas-26 ta' Jannar 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU 2009 L 23, p.5)

(<sup>3</sup>) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/161/PESK tad-19 ta' Frar 2004 li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Marzu 2009 — Torres vs UASI — Vinícola de Tomelloso (TORREGAZATE)**

(Kawża T-273/07) (<sup>1</sup>)

(2009/C 113/88)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 235, 6.10.2007

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Marzu 2009 — FMC Chemical et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-349/07 u T-350/07) (<sup>1</sup>)

(2009/C 113/89)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President tat-Tieni Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 269, 10.11.2007.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Marzu 2009 — Batchelor vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-342/08) (<sup>1</sup>)

(2009/C 113/90)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 272, 25.10.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Marzu 2009 — Il-Portugal vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-378/08) (<sup>1</sup>)

(2009/C 113/91)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 285, 8.11.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-24 ta' Marzu 2009 — Intel vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-457/08) (<sup>1</sup>)

(2009/C 113/92)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 301, 22.11.2008.